

32006R0634

26.4.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 112/3

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 634/2006**tal-25 ta' April 2006****li jistipula l-istandard kummerċjali applikabbli għall-kaboċċi tar-ras u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1591/87**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 2(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-kaboċċi huma fost il-prodotti elenkati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2200/96 li għalihom l-istandards għandhom jiġu adottati. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1591/87 tal-5 ta' Ġunju 1987 li jistipula l-kwalità tal-istandards għall-kaboċċi, il-Brussels sprouts, il-krafes bil-ħajta u l-ispinaċi² ġie emendat diversi drabi. Għal raġunijiet ta' ċarezza, ir-regoli dwar kaboċċi tar-ras għandhom ikunu mifrudin minn dawk dwar prodotti oħra taħt ir-Regolament (KEE) Nru 1591/87, u stipulati f'Regolament separat.
- (2) Għal dan il-fini, u fl-interess tal-preservazzjoni tat-trasparenza dwar is-suq dinji, għandu jiġi kkunsiderat l-istandard UN/ECE FFV-09 li jikkonċerna l-kummerċjalizzazzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-kaboċċi tar-ras irrakkomandat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-istandards ta' kwalità tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (UN/ECE).
- (3) Pakketti li jkun fihom taħlita ta' speċijiet ta' kaboċċi tar-ras qegħdin isiru aktar komuni fis-suq. Għalhekk id-dispożizzjoni li tikkonċerna l-immarkar ta' dawn il-pakketti trid tiġi kkjarifikata.

¹ ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, tal-11.1.2003, p. 64).

² ĠU L 146, 6.6.1987, p. 36. Regolament kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 386/2005 (ĠU L 62, tad-9.3.2005, p. 3).

- (4) L-applikazzjoni tal-istandard il-ġdid għandha twarrab prodotti ta' kwalità mhux sodisfaċenti mis-suq, ġgħib il-produzzjoni konformi mar-rekwiżiti tal-konsumatur u tiffaċilita n-negozju bbażat fuq kompetizzjoni ġusta, biex b'hekk titjeb il-profitabilità.
- (5) L-istandards huma applikabbli fl-istadji kummerċjali kollha. Trasport fuq distanza twila, tiżżin fuq ċerti perjodi u d-diversi proċessi li l-prodotti jgħaddu minnu jistgħu jikkawżaw xi deterjorament minħabba l-iżvilupp bijoloġiku tal-prodotti jew tan-natura tagħhom li titħassar. Deterjorament bħal dan għandu jiġi kkunsidrat meta l-istandard tal-istadji kummerċjali qegħdin jiġu applikati wara l-konsenja.
- (6) Ir-Regolament (KEE) Nru 1591/87 għandu għalhekk jiġi emendat kif xieraq.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex Friski,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-istandard kummerċjali applikabbli għall-kaboċċi tar-ras li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi CN 0704 90 se jiġi stipulat fl-Anness
2. Dan l-istandard għandu japplika għall-istadji kollha kummerċjali, stipulati taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2200/96.

Madanakollu, fl-istadji wara l-konsenja, il-prodotti jistgħu jibqgħu juru, b'relazzjoni mar-rekwiżiti tal-istandard:

- (a) tnaqqis żgħir fil-freskezza u fid-dehra ;
- (b) deterjorament żgħir dovut għall-iżvilupp tagħhom u għat-tendenza li għandhom li jitħassru

Artikolu 2

Ir-Regolament (KEE) Nru 1591/87 huwa emendat kif ġej:

- (1) It-titolu huwa sostitwit b'li ġej:
"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1591/87 tal-5 ta' Ġunju 1987 li jstipula l-istandard ta' kwalità għall-Brussels sprouts, il-krafes bil-ħajta u l-ispinaċi"
- (2) Fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1, l-ewwel inċiż għandu jitħassar
- (3) L-Anness I tħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament se jorbot fl-intier tiegħu u huwa applikabbli direttament f'l-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 25 ta' April 2006

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni

ANNEX

STANDARD GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ TAL-KABOĊĊI TAR-RAS

1. DEFINIZZJONI TAL-PRODOTT

Dan l-istandard jgħodd għall-kaboċċi bir-ras speċifikati mkabbra minn varjetajiet (cultivars) tal-*Brassica oleracea* L. var. *capitata* L. (li jinkludu kaboċċi mill-aħmar u kaboċċi bil-ponot) minn *Brassica oleracea* L. var. *sabauda* L. (kaboċċi ta' savojsja), fornuti f'mod frisk lill-konsumatur, waqt li l-kaboċċi għall-ipproċessar industrijali huma esklużi.

2. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR KWALITÀ

L-iskop ta' dan l-istandard huwa li tiddefenixxi r-rekwiżiti ta' kwalità għall-kaboċċi tar-ras wara l-preparazzjoni u l-ippakkjar.

A. Ħtiġiet minimi

Fil-klassijiet kollha, soġġetti għall-proviżjonijiet speċjali għal kull klassi u t-tolleranzi permessi, il-kaboċċi tar-ras għandhom ikunu:

- intatti; weraq ta' barra neqsin u xquq żgħar fil-fergħa mhumiex ikkunsidrati bħala difett,
- li jidhru friski,
- li ma jurux sinjali ta' żvilupp ta' blanzun,
- tajbin; prodott li huwa affettwat minn taħsir jew tħassir tant li ma jibqax tajjeb għall-konsum huwa eskluż,
- prattikament ħieles mill-insetti,
- prattikament ħieles mill-ħsarat ikkawżati mill-insetti,
- nadif, prattikament ħieles għal kollox minn kull materjal barrani li jidher,
- ħieles minn umdità mhux normali minn barra,
- ħielsa minn kull tip ta' riħa u/jew toġhma.

Iz-zokk għandu jkun maqtuġh ftit l-isfel mill punta l-aktar baxxa ta' mnejn tikber il-werqa; il-weraq għandhom jibqgħu mwaħħla b'mod sod, u l-qatgħa għandha tkun pulita.

IL-kondizzjoni tal-kaboċċi bir-ras għandha tkun tali li tagħmilhom kapaċi:

- jifilħu għat-trasport u t-tqandil,

- jaslu fid-destinazzjoni tagħhom f'kondizzjoni aċċettabbli.

B. Klassifikazzjoni

Kaboċċi tar-ras huma klassifikati f'żewġ klassijiet definiti kif ġej:

(i) Klassi I

Koboċċi tar-ras ta' Klassi I għandhom ikunu ta' kwalità tajba u karatteristiċi tal-varjetà. Għandhom ikunu kompatti, skont l-ispeċi tagħhom.

Kaboċċi tar-ras għandhom ikunu mirquma sew. Fil-każ ta' koboċċi ta' Savojja mill-aħdar u kaboċċi tar-ras bikrija numru ta' weraq jistgħu jitħallew bħala protezzjoni.

Id-difetti żgħar li ġejjin, madanakollu, jistgħu jitħallew sakemm ma jaffettwawx l-apparenza ġenerali tal-kaboċċi tar-ras, il-kwalità, il-ħarsien tal-kwalità u l-preżentazzjoni fl-ippakkjar:

- xquq żgħar fil-weraq ta' barra,
- Ftit brix u tirqim ħafif tal-weraq ta' barra,
- ħsara minħabba l-ġlata.

(ii) Klassi II

Din il-kategorija tinkludi kaboċċi bir-ras li ma jikkwalifikawx għall-inklużjoni f'Kategorija I, iżda li jilhqgħu l-ħtiġiet minimi speċifikati f'Sezzjoni A.

Id-difetti segwenti huma permessi sakemm il-kaboċċi tar-ras iżommu l-karatteristiċi essenzjali tagħhom rigward il-kwalità, il-kwalità taż-żamma u l-preżentazzjoni:

- xquq żgħar fil-weraq ta' barra,
- aktar weraq ta' barra jistgħu jitneħħew bil-kundizzjoni li jinżammu l-karatteristiċi essenzjali tal-varjetà,
- daqqiet u/jew ħsara li ma jaslux aktar fil-fond minn żewġ weraq ta' barra,
- traċċi żgħar ta' danni kkawżati minn insetti jew mard li ma jaslux aktar fil-fond minn żewġ weraq ta' barra,
- ħsara minħabba l-ġlata.

3. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DAQS

Id-daqs huwa ddeterminat mill-piż nett ta' kull unità. Id-daqs minimu huwa 350 gramma għal kull unità

Il-piż tal-itqal ras f'kull pakkett singolari m'għandux jiżen iżjed mid-doppju tal-piż tal-eħfef ras. Meta l-piż tal-itqal ras huwa żewġ kilogrammi jew inqas, id-differenza bejn l-itqal u l-eħfef ras m'għandhiex taqbeż kilogramma.

Ir-rekwiżiti dwar daqs ma japplikawx għal prodotti fiċ-ċokon.

"Prodotti fiċ-ċokon" tfisser varjetá jew nisel bil-kultivazzjoni tal-kaboċċi, miksub bit-tgħammir ta' pjanti u/jew tekniki ta' kultivazzjoni speċjali, eskluż il-kaboċċi ta' varjetajiet mhux fiċ-ċokon li ma jkunux żviluppaw totalment jew li jkunu ta' daqs inadegwat. Kull ħtieġa oħra tal-istandard għandha tapplika.

4. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IT-TOLLERANZI

Tolleranzi fir-rigward il-kwalità u d-daqs huma permessi għal kull pakkett għal prodotti li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-klassi indikat.

A. Tolleranzi tal-kwalità.

(i) Klassi I

10 % bil-għadd jew bil-piż tal-kaboċċi tar-ras li ma jissodisfawx il-ħtiġiet tal-kategorija, iżda li jilhq u l-ħtiġiet tal-kategorija ii jew b'mod eċċezzjonali, jidħlu fit-tolleranzi ta' dik il-kategorija

(ii) Klassi II

10 % bil-għadd jew bil-piż tal-kaboċċi bir-ras li ma' jissodisfawx il-ħtiġiet tal-kategorija, jew il-ħtiġiet minimi, iżda minbarra l-kaboċċi bir-ras li jkunu jidhru affettwati mit-taħsir jew minn deterjorament ieħor u li ma jagħmluhomx tajba għall-konsum.

B. Tolleranzi fid-daqs

- Għal kull klassi: 10 % bil-għadd jew bil-piż tal-kaboċċi bir-ras li ma jkunux laħqu l-ħtiġiet speċifikati:

B'danakollu, l-ebda ras ma tista'tkun tiżen anqas minn 300 gramma.

5. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IL-PREŻENTAZZJONI

A. Uniformità

Il-kontenut ta' kull pakkett, għandu jkollu fih kaboċċi tar-ras biss tal-istess oriġini, varjetá u kwalità.

F'Klassi I, il-kaboċċi tar-ras għandhom ikunu tal-istess forma u kulur.

Prodotti fiċ-ċokon għandhom ikunu ndaq b'mod raġjonevoli.

Madanakollu, taħlita ta' diversi speċijiet ta' kaboċċi tar-ras deskritti f'dan l-istandard jistgħu jkunu ppakkjati flimkien, sakemm huma uniformi fil-kwalità u, għal kull speċi kkonċernata, fid-daqs u fl-oriġini.

Il-parti viżibbli tal-kontenuti tal-pakkett għandha tkun rappreżentattiva tal-kontenut sħiħ.

Minkejja l-ewwel u l-ħames paragrafi, il-prodotti kopru minn dan l-istandard jistgħu jkunu mħalltin, f'pakketti ta' bejgħ b'piż nett ta' tliet kilogrammi jew inqas, b'tipi diversi ta' frott frisk u ħxejjex fil-kundizzjonijiet stipulati mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 48/2003¹

B. Ippakkjar

Il-kaboċċi tar-ras għandhom ikunu ppakkjati b'tali mod li l-prodott ikun protett kif suppost.

Il-materjali interni tal-pakkett użati għandhom ikunu nodfa u ta' kwalità sabiex ikun evitat kemm jista' jkun li jsir dannu estern jew intern lill-prodott. L-użu tal-materjali u b'mod partikolari ta' karta jew stampi li juru speċifikazzjonijiet kummerċjali huwa permess bil-kundizzjoni li l-istampar tat-tikketti jkun sar b'inka jew kolla mhux tossika.

Il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kull materjal estern

Meta tabelli individwali mwaħħlin fuq prodott jitneħħew, la għandhom iħallu traċċi viżibbli ta' kolla, u lanqas iwasslu għal xi difetti fuq il-qoxra.

6. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR IMMARRAR

1. Kull pakkett għandu jkollu miktub fuq d-dettalji li ġejjin b'ittri miġburin fuq l-istess naħa, li jistgħu jinqraw u li ma jistgħux jiħassru u li jkunu jidhru minn barra:

A. Identifikazzjoni

L-isem u l-indirizz tal-pakkjatur u/jew tad-dispaċer.

Din l-informazzjoni tista' tiġi sostitwita:

- għall-pakketti kollha bl-eċċezzjoni ta' daww ippakkjati minn qabel, permezz tal-marka ta' kodiċi maħruġa u aċċettata uffiejalment li tirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lid-dispaċer, indikat b'rabta qariba mar-referenza "Pakkjatur u/jew Dispaċer" (jew taqsiriet ekwivalenti);
- għal pakketti ppakkjati minn qabel biss, bl-isem u l-indirizz ta' bejjiegħ stabbilit fil-Komunità indikat b'rabta qariba mal-avviż "Ippakkjat għal:" jew avviż ekwivalenti. F'dan il-każ, it-tikkettjar għandu jinkludi wkoll kodiċi li jirrappreżenta lill-pakkjatur u/jew lid-dispaċer. Il-bejjiegħ

¹ ĠU L 7, 11.1.2003, p. 65.

għandu jagħti l-informazzjoni kollha li l-korp ta' spezzjoni jikkunsidra neċessarja dwar it-tifsira ta' dan il-kodiċi.

B. In-Natura tal-prodott

- 'Kaboċċi mill-aħmar', 'Kaboċċi tar-ras mill-abjad', 'Kaboċċi bil-ponot', 'Kaboċċi ta' Savojja' jew denominazzjoni ekwivalenti, jekk il-kontenut ma jkunx jidher minn barra;
- Fejn speċijiet differenti ta' kaboċċi bir-ras ikunu mħalltin flimkien:
 - L-indikazzjoni "Kaboċċi tar-ras imħalltin", jew
 - L-indikazzjoni ta' kull speċijiet tal-kaboċċi tar-ras, u , fejn il-kontenut ma jidherx minn barra, l-indikazzjoni tan-numru ta' kaboċċi minn kull tip.

C. L-Oriġini tal-Prodott

- Il-pajjiż tal-oriġini u, fakultattiv, id-distrett fejn tkabbar jew isem il-post nazzjonali, reġjonali jew lokali.
- Fil-każ ta' pakketti li jkollhom fihom taħlita ta' speċijiet ta' kaboċċi bir-ras ta' oriġini differenti, l-indikazzjoni ta' kull pajjiż ta' oriġini għandu jidher ħdejn l-isem tal-ispeċi kkonċernat.

D. Speċifikazzjonijiet kummerċjali

- Klassi,
- Numru ta' unitajiet,
- "Kaboċċi fiċ-ċokon", "Kaboċċi żgħar" jew terminu xieraq ieħor għal prodotti fiċ-ċokon, fejn xieraq. Meta diversi tipi ta' prodotti fiċ-ċokon huma mħalltin fl-istess pakkett, il-prodotti kollha u l-oriġini rispettivi tagħhom għandhom ikunu miktubin.

E. Marka ta' kontroll uffiċjali (mhux obbligatorja)

2. Il-pakketti m'għandhomx għalfejn ikollhom miktubin fuqhom id-dettalji msemminjin fpunt 1 meta l-kontenut tagħhom huwa pakketti ta' bejgħ, li jidhru sewwa minn barra, u li kollha għandhom miktubin fuqhom dawn id-dettalji. Dawn il-pakketti għandhom ikunu ħielsa minn kwalunkwe indikazzjoni li tista' tiżgwida. Meta dawn il-pakketti jkunu fuq pelits, id-dettalji għandhom jingħataw fnotifika mqegħda f'pożizzjoni ovvja fuq tal-anqas żewġ naħat tal-pelit.